MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2009

Citazzjoni Numru. 268/2008

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C3177)**

**vs**

**Joseph Farrugia (ID 186467M), Ruth Farrugia mart l-istess Joseph (ID 438467M), Saviour Farrugia (ID 464638M) u Josephine Farrugia mart l-istess Saviour Farrugia (ID 522541M).**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors ta' HSBC Bank Malta p.l.c. datata 18 ta' Marzu 2008 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Jesponi bir-rispett u jikkonferma u jiddikjara bil-gurament tieghu l-Prokuratur Legali Jonathan de Maria (ID 367569M) ghan-nom tal-bank attur:

1) Permezz ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-atti tan-Nutar Dottor Robert John Sammut datat id-9 ta' Novembru 2005 (Dok. "A") is-socjeta' Ceiling Systems Limited (C 16547) kostitwiet ruha bhala debitrici ta' HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177) fir-rigward ta' zewg facilitajiet ta' self, liema facilitajiet ta' self kienu gew moghtija l-ismijiet "Loan 1" u "Loan 2", fir-rigward tal-imsemmi "Loan 1" fl-ammont komplessiv ta' mija u tmienja u sebghin elf mitejn u ghoxrin Liri Maltin u disgha u sittin centezmi (Lml78,220.69) *ossia* erbgha mija u hmistax-il elf mija u tnejn u erbghin Euro u tlieta u hamsin cent (EUR415,142.53) (kwantu ghal mija u sittin elf tlett mija u wiehed u sebghin Liri Maltin u disgha u tletin centezmi (Lm160,371.39) *ossia* tlett mija u tlieta u sebghin elf names mija u erbgha u sittin u erbgha u tmenin cent (EUR373,564.84) bhala kapital u kwantu ghal sbatax-il elf tmien miija u disgha u erbghin Liri Maltin u erbatax-il centezmi (Lml7,849.14) *ossia* wiehed u erbghin elf hmes mija u sebgha u sebghin Euro u wiehed u tletin cent (EUR41,577.31) bhala imghaxijiet inkorsi sal-gurnata tal-precitat kuntratt) *oltre* l-imghaxijiet mid-data tal-imsemmi kuntratt sal-hlas effettiv u fir-rigward tal-imsemmi "Loan 2" fl-ammont komplessiv ta' mija u ghoxrin elf tmien mija u tejn u sebghin Liri Maltin u disgha u hamsin centezmi (Lm120,872.59 ) *ossia* mitejn u wiehed u tmenin elf hames mija u sebgha u hamsin Euro u disgha u tletin cent (EUR281,557.39) (kwantu ghal mija u disgha t'elef disgha mija u tlieta u disghin Liri Maltin u hamsa u erbghin centezmi (Lm109,993.45) *ossia* mitejn u sitta u hamsin elf mitejn u hmistax Euro u wiehed u tmenin cent (EUR256,215.81) bhala kapital u kwantu ghal ghaxar t'elef tmien mija u wiwhed disghin Liri Maltin u erbatax-il centezmu (Lm10,891.14) *ossia* hamsa u ghoxrin elf tlett mija u sitta u disghin Euro u tlieta u hamsin cent (EUR25,369.53) bhala imghaxijiet inkorsi sal-gurnata tal-precitat kuntratt) *oltre* l-imghaxijiet mid-data tal-imsemmi kuntratt sal-hlas effettiv;

2) Permezz ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-atti tan-Nutar Dottor Robert John Sammut datat id-9 ta' Novembru 2005 (Dok. "B") is-socjeta' Ceiling Systems Limited (C 16547) kostitwiet ruha bhala debitrici ta' HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177) fir-rigward ta' facilita' ta' "Overdraft" fl-ammont komplessiv ta' hames mija u tlett elef mija u tnejn u hamsin Liri Maltin u tlieta u sebghin centezmi (Lm503,152.73) *ossia* miljun mija u tnejn u sebghin elf u tletin Euro u hamsin cent (EURl, 172,030.50) kwantu ghal erbgha mija u wiehed u sittin elf disgha mija u tnejn u ghoxrin Liri Maltin u tnejn u ghoxrin centezmi (Lm461,922.22) *ossia* miljun u hamsa u sebghin elf disgha mija u disgha u tmenin Euro u tletin cent (EUR1,075,989.30) bhala kapital u kwantu ghal wiehed u erbghin elf mitejn u tletin Liri Maltin u wiehed u hamsin centezmi (Lm41,230.51) *ossia* sitta u disghin elf u wiehed u erbghin Euro u hamsa u ghoxrin cent (EUR96,041.25) bhala imghaxijiet inkorsi sal-gurnata tal-precitat kuntratt) *oltre* l-imghaxijiet mid-data tal-imsemmi kuntratt sal-hlas effettiv;

3) Illi skont ma jirrizulta mill-prospett hawn anness u mmarkat bhala "Dok. AA1" il-bilanc komplessiv dovut fil-gurnata tal-4 ta' Frar 2008 fir-rigward tal-imsemmi "Loan 1" huwa dak ta' mitejn u disgha u sebghin elf tmien mija u sebgha u disghin Euro u sebgha cent (EUR279,897.07) *ossia* mija u ghoxrin elf mija u disgha u hamsin Liri Maltin u wiehed u tmenin centezmi (Lml20,159.81), kwantu ghal mitejn u disgha u hamsin elf sebgha mija u wiehed u sebghin Euro u tmienja u sittin cent (EUR259,771.68) *ossia* mija u hdax-il elf hames mija u dsatax-il Liri Maltin u tmienja u disghin centezmi (Lml 11,519.98) *oltre* ghoxrin elf mija u hamsa u ghoxrin Euro u disgha u tletin cent (EUR20,125.39) *ossia* tmien t'elef sitt mija u disgha u tletin Liri Maltin u tlieta u tmenin centezmi (Lm8,639.83) bhala imghaxijiet inkorsi sal-imsemmi 4 ta' Frar 2008 *oltre* l-imghaxijiet ulterjuri sal-hlas effettiv;

4) Illi skont ma jirrizulta mill-prospett hawn anness u mmarkat bhala "Dok. AA2" il-bilanc komplessiv dovut fil-gurnata tal-4 ta' Frar 2008 fir-rigward tal-imsemmi "Loan 2" huwa dak ta' mitejn u disgha u sebghin elf tmien mija u

sebgha u disghin Euro u hamsa u hamsin cent (EUR321,946.55) *ossia* mija u ghoxrin elf mija u disgha u hamsin Liri Maltin u hamsa u sittin centezmi (Lml38,211.65) kwantu ghal mitejn u sitta u hamsin elf mitejn u hmistax Euro u tnejn u tmenin cent (EUR256,215.82) *ossia* mija u disat elef disgha mija u tlieta u disghin Liri Maltin u hamsa u erbghin centezmi (Lml09,993.45) bhala kapital u kwantu ghal hamsa u sittin elf sebgha mija u tletin Euro u tlieta u sebghin cent (EUR65,730.73) *ossia* tmienja u ghoxrin elf mitejn u tmintax Liri Maltin u ghoxrin centezmi (Lm28,218.20) bhala imghaxijiet inkorsi sal-imsemmi 4 ta' Frar 2008 *oltre* l-imghaxijiet ulterjuri sal-hlas effettiv;

5) Illi skont ma jirrizulta mill-prospett hawn anness u mmarkat bhala "Dok. BB" il-bilanc komplessiv dovut fil-gurnata tal-4 ta' Frar 2008 fir-rigward tal-imsemmi "Overdraft" huwa dak ta' miljun hames mija u sebgha u tletin elf hames mija u hdax Euro u hamsa u hamsin cent (EUR1,537,511.55) *ossia* hames mija u hamsa u tmenin elf tmien mija u hmistax Liri Maltin u centezmu wiehed (Lm585,815.01) kwantu ghal miljun u hamsa u sebghin elf disgha mija u disgha u tmenin Euro u tlieta u tletin cent (EUR1,075,989.33) *ossia* erbgha mija u wiehed u sittin elf disgha mija u tnejn u ghoxrin Liri Maltin u tnejn u ghoxrin centezmi (Lm461,922.22) bhala kapital u kwantu ghal mitejn u tmienja u tmenin elf hames mija u tnejn u disghin Euro u tmienja u hamsin cent (EUR288,592.58) *ossia* mija u tlieta u ghoxrin elf tmien mija u tnejn u disghin Liri Maltin u disgha u sebghin centezmi (Lml23,892.79) bhala imghaxijiet inkorsi sal-imsemmi 4 ta' Frar 2008 *oltre* l-imghaxijiet ulterjuri sal-hlas effettiv;

6) Illi ghalhekk skont ma jirrizulta mill-precitati prospetti, is-socjeta' Ceiling Systems Limited (C 16547) gie li fil-gurnata tal-4 ta' Frar 2008 ghandha taghti lill-bank attur is-somma komplessiva ta' miljun disgha mija u hamsa u sittin elf tlett mija u erbgha u tletin Euro u wiehed u sittin cent (EUR1,965,334.61) *ossia* tmien mija u tlieta u erbghin elf sebgha mija u tmientax Liri Maltin u hmistax-il centezmu (Lm843,718.15) kwantu ghal miljun names mija u wiehed u disghin elf disgha mija u sitta u sebghin Euro u

tlieta u tmenin cent (€1,591,976.83) *ossia* sitt mija u tlieta u tmenin elf erba' mija u hamsa u tletin Liri Maltin u erbgha u sittin centezmi (Lm683,435.64) bhala kapital u kwantu ghal tlett mija u erbgha u sebghin erbgha mija u tmienja u erbghin Euro u sebghin cent (€374,448.70) *ossia* mija u sittin elf sebgha mija u hamsin Liri Maltin u tnejn u tmenin centezmi (Lml60,750.82) bhala imghaxijiet.

7) Illi l-konvenuti Joseph u Ruth konjugi Farrugia ikkostitwew ruhhom bhala garanti solidali favur l-istess Bank attur biex jikkawtelaw il-kreditu precitat tal-bank attur sal-ammont ta' disgha mija u hamsa u tmenin elf Liri Maltin (Lm958,000) *ossia* zewg miljun mitejn u erbgha u disghin elf erbgha mija u tnejn u tletin Euro u tmenin cent (EUR2,294,432.80) *oltre* l-imghaxijiet u l-ispejjez kif jirrisulta ahjar minn numru ta' garanzji personali moghtija mill-imsemmija konvenuti kif jirrisulta mill-garanziji hawn annessi u mmarkata bhala "Dokumenti C, D, E, F, G u H" kif ukoll miz-zewg kuntratti ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-atti tan-Nutar Robert John Muscat (Dokumenti "A" u "B").

8) Illi l-konvenuti Saviour u Josephine konjugi Farrugia ikkostitwew ruhhom bhala garanti solidali favur l-istess Bank attur biex jikkawtelaw il-kreditu precitat tal-bank attur sal-ammont ta' sitt mija u hamsa u tletin elf Liri Maltin (Lm635,000) *ossia* miljun erbgha mija u disgha u sebghin elf mija u tnejn u hamsin Euro u hdax-il cent (EUR1,479,152.11) *oltre* l-imghaxijiet u l-ispejjez kif jirrisulta ahjar minn numru ta' garanzji personali moghtija mill-imsemmija konvenuti kif jirrisulta mill-garanziji hawn annessi u mmarkata bhala "Dokumenti D, G, I u J" kif ukoll miz-zewg kuntratti ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-atti tan-Nutar Robert John Muscat (Dokumenti "A" u "B").

9) Illi l-Bank sejjeh il-konvenuti biex jhallsu dan id-dejn minnhom garantit.

10) Illi ghalhekk l-Bank attur huwa kreditur tal-konvenuti Joseph u Ruth konjugi Farrugia in solidum is-somma komplessiva ta' miljun disgha mija u hamsa u sittin elf tlett mija u erbgha u -.Ietin Euro u wiehed u sittin cent (EURl,965,334.61) *ossia* tmien mija u tlieta u erbghin elf

sebgha mija u tmintax-il Liri Maltin u hmistax-il centezmi (Lm843,718.15) *oltre* imghax dekoribbli mill-4 ta' Frar 2008 sad-data tal-hlas finali;

11) Illi ghalhekk l-Bank attur huwa kreditur tal-konvenuti Saviour u Josephine konjugi Farrugia in solidum is-somma komplessiva ta' miljun erbgha mija u disgha u sebghin elf mija u tnejn u hamsin Euro u hdax-il cent (EURl,479,152.11) *ossia* sitt mija u hamsa u tletin elf Liri Maltin (Lm635,000) *oltre* imghax dekoribbli mill-10 ta' Awissu 2007 sad-data tal-hlas finali;

12) Illi ghalkemm il-konvenuti gew debitament interpellati sabiex ihallsu dan id-dejn dovut, huma baqghu inademjenti;

13) Illi fil-fehma tal-Bank attur dan id-dejn huwa veru, cert, likwidu u dovut u fil-fehma tieghu il-konvenuti ma ghandhomx eccezzjonijiet xi jressqu ghat-talba ta' hlas tal-Bank attur;

14) Illi ghalhekk dan jaghti d-dritt lill-Bank attur sabiex tipprocedi kontra l-intimati bi procediment sommarju specjali kif provdut fl-artikolu 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif fil-fatt qed taghmel;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti, ghar-ragunijiet hawn fuq premessi:

1. Tiddeciedi skont it-talba bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ghat-tenur tal-artiklu 167 et sequitur tal-Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta' Malta; u

2. Tikkundannahom solidalment ihallsu lill-Bank attur s-somma ta' miljun disgha mija u hamsa u sittin elf tlett mija u erbgha u tletin Euro u wiehed u sittin cent (EUR1,965,334.61) *ossia* tmien mija u tlieta u erbghin elf sebgha mija u tmintax-il Liri Maltin u hmistax-il centezmi (Lm843,718.15) *oltre* imghax dekoribbli mill-4 ta' Frar 2008 sad-data tal-hlas fmali dovuta in segwitu ta' facilitajiet bankarji koncessi lil Ceilings Systems Limited u ghall-liema facilitajiet u ammonti avvanzati il-konvenuti

huma flimkien u solidalment responsabbli bhala garanti, *oltre* l-imghaxijiet legal! bi tmienja fil-mija (8%) mill-10 ta' Awissu 2007 sal-pagement effettiv, b'dan pero illi konvenuti Saviour u Josephine konjugi Farrugia ghandhom jkunu tenuti li jhallsu biss sal-ammont ta' miljun erbgha mija u disgha u sebghin elf mija u tnejn u hamsin ewro u hdax-il centezmu (€1,479,125.11) *ossia* sitt mija u hamsa u tletin elf Lira Maltin (Lm635,000) *oltre* l-imghaxijiet legli bi tmienja fil-mija (8%) dekoribbli mill-10 ta' Awwissu 2007 sad-data tal-hlas finali.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici.

Rat in-nota tas-socjeta' attrici li biha rriduciet it-talbiet taghha ghall-ammont ta' €2,021,524 bl-imghaxijiet ulterjuri mit-12 ta' Marzu 2009 sal-effettiv pagament, b'dan li fil-konfront tal-konvenuti Saviour u Josephine Farrugia l-ammont baqa' limitat ghas-somma ta' €1,479,152.11 bl-imghax ulterjuri mill-10 ta' Awwissu 2007 sal-effettiv pagament.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talbiet ridotti jirrizultaw pruvati.

Fuq ammissjoni tal-konvenuti, tiddeciedi billi **tilqa' t-talbiet attrici** limitatament ghas-somma ta' €2,021,524 bl-imghaxijiet ulterjuri mit-12 ta' Marzu 2009 sal-effettiv pagament, b'dan li fil-konfront tal-konvenuti Saviour u Josephine Farrugia l-ammont baqa' limitat ghas-somma ta' €1,479,152.11 bl-imghax ulterjuri mill-10 ta' Awwissu 2007 sal-effettiv pagament.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------